MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

## ONOR. IMHALLEF
## ANTON DEPASQUALE

## ONOR. IMHALLEF
## ALBERT J. MAGRI

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2004

Appell Civili Numru. 2566/1998/1

**Rita Borg f'isimha proprju u bhala kuratrici ad litem ta' wliedha minuri Fiona, Svetlana u Roxette (ammessa ghall-beneficcju tal-ghajnuna legali b'digriet nru 37/98)**

**vs**

**Mario Borg**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu l-attrici proprio et nomine, wara illi ppremettiet illi hija u Mario Borg izzewgu fis-26 ta' Mejju 1979; illi minn dan iz-zwieg twieldu erba' wlied u tlieta minnhom ghadhom minorenni u cioè Fiona data ta' twelid 29 ta' Marzu 1981, Svetlana data ta' twelid 5 ta' Frar 1991 u Roxette data ta' twelid 2 ta' Frar 1998; illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti m'ghadiex aktar possibli minhabba f'sevizzi u ingurji gravi konsistenti fi swat da parti tal-konvenut kif wkoll minhabba f'inkompatibilità ta' karattru; illi minhabba l-agir u l-attitudni tal-konvenut l-attrici giet kostretta tallontana ruha mid-dar matrimonjali; illi z-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment; illi l-attrici giet awtorizzata b'digriet tas-Sekond' Awla tat-13 ta' Ottubru 1998 biex tipprocedi ghas-separazzjoni kontra il-konvenut; illi bl-istess digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili l-attrici giet nominata bhala kuratrici *ad litem* ta' ulied minuri imsemmija; talbet ghaliex dik il-Qorti m'ghandhiex: 1) tippronunzja bejn il-kontendenti s-separazzjoni personali minhabba htija jew htijiet imputabbli lill-konvenut u minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabilment, u tawtorizza lill-attrici tghix separat minn ma' zewgha; 2) tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri msemmija tigi fdata lill-attrici; 3) tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici ghaliha u ghall-ulied minuri retta alimentarja f'dak l-ammont u taht dawk il-modalitajiet li jidrilha xierqa; 4) tiddikjara xolta il-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti u tillikwida l-istess komunjoni tal-akkwisti vigenti bejn il-kontendenti u tassenjahhom skond kif il-Qorti jidrilha xieraq u opportun fic-cirkostanzi kollha tal-kaz; 5) tordna d-dekadenza tal-konvenut mill-jeddijiet konjugali kif mahsuba fl-artikoli relevanti tal-Kodici Civili; bl-ispejjez, komprizi dawk tal-proceduri quddiem is-Sekond' Awla kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attrici, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti relattivi;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut illi permezz taghha eccepixxa:

Illi t-talba  biex issir separazzjoni ghandha tigi akkolta stante li l-agir u l-atitudini tal-attrici ikkagunat il-firda bejn il-partijiet;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost hu bizzejjed li wiehed isemmi li l-attrici abbandunat id-dar matrimonjali fejn halliet sija lill-konvenut u lit-tifla u marret ma' ragel iehor mizzewweg flimkien mat-tfal minuri biex apparti milli irrovinat familja qed izzid fl-iskandlu ma' dawn it-tfal minuri;

Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut u l-lista tax-xhieda relattiva;

Rat is-sentenza tal-wiehed u tletin (31) ta' Jannar, 2003 illi permezz taghha l-Prim Awla tal-Qorti Civili iddecidiet hekk:

"Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' l-Ewwel Talba u tiddikjara li qed tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba htijiet unikament addebitabbli lill-konvenut;

Tilqa' t-Tieni Talba billi tordna li l-kura u l-kustodja ta' l-ulied minuri Svetlana u Roxette tkun affidata lill-attrici;

Tilqa' wkoll it-Tielet Talba u tordna li l-konvenut ikun ikkundannat li jhallas lill-attrici ghaliha u ghaz-zewg ulied minuri fuq imsemmija hamsa fil-mija (5%) ta' kull ammont li f'kull zmien jircievi f'assistenza socjali u li ghandha tithallas direttament lill-attrici mid-Dipartiment koncernat. Dan il-percentagg jibqa' hekk sakemm il-posizzjoni tibqa' dik li hi llum u l-konvenut jibqa' ma jahdimx xoghol regolari bi qliegh;

Tilqa' r-Raba' Domanda billi tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti u konsistenti biss fl-oggetti mobili precizati fil-lista esebita mill-attrici a fol. 42 tal-process, u li dwarhom il-Qorti qed tordna li ghandhom jigu assenjati lill-attrici;

Gjaladarba din il-Qorti tat dan il-provvediment mhux il-kaz li tipprovdi fuq id-dekadenza tad-drittijiet mitluba mill-attrici fil-hames domanda.

Fir-rigward ta' l-ispejjez tal-kawza dawn ghandhom jigu sopportati mill-konvenut";

u dana wara illi kkunsidrat hekk:
"Fil-kaz *de quo* l-attrici qed tadduci bhala bazi ghall-azzjoni taghha tas-separazzjoni s-sevizzi, swat u ingurji gravi kommessi minn zewgha fil-konfront taghha. Dan zewgha minn naha tieghu jillimita ruhu semplicement b'Nota ta' l-Eccezzjonijiet, gjaladarba baqa' ma xehedx, ghad-difiza li l-kolpa kienet ta' martu li abbandunat id-dar konjugali u ssistemat ruhha ma' ragel iehor;

"F'materja ta' separazzjoni l-ligi tqieghed bhala motivi li jiggustifikaw l-azzjoni l-episodji saljenti tal-hajja konjugali;

"Il-provi dwar dawn l-episodji jikkonducu ghal dan il-kwadru:-

I. L-attrici u l-konvenut izzewgu fis-26 ta' Mejju 1979 (Certifikat taz-Zwieg esebit mac-citazzjoni);

II. Minn dak rakkontat minnha zewgha kellu l-vizzju tax-xorb u spiss kien ikun fis-sakra. Kien vjolenti u kien hemm okkazjonijiet fejn sawwatha. Kien ukoll iheddidha li joqtolha u jkecciha barra mid-dar. Stqarret ukoll li l-konvenut zewgha kellu jigi rikoverat l-Isptar Monte Carmeli minhabba l-problema kronika tax-xorb;

III. Ix-xhieda prodotti minnha u cioè missierha Nazzareno Caruana (fol. 24) u uliedha maggorenni Sharon Bellizzi (fol. 26) u Fiona Borg (fol. 28) jikkorroboraw din ix-xiehda ta' l-attrici ghal dak li hu stat ta' sokor, atti vjolenti, swat u theddid;

IV. L-attrici, in kontro-ezami, tinnega kull addebitu dwar relazzjoni jew hbiberija ma' certu Alex Vella;

"Hu pacifiku illi meta wiehed mill-konjugi jressaq talba kontra l-konjugi l-iehor fuq aktar minn raguni wahda, 'hu bizzejjed li tikkonkorri wahda biss minnhom ghax din jekk pruvata hi bizzejjed biex tiggustifika t-talba ghas-separazzjoni' (Vol. XLVI P II p 638), '*purchè sia tale da violare profondamente i riguardi della convivenza coniugale*' (Vol. XXVI P II p 110);

"Issa fil-kaz in disamina jezistu l-provi tas-swat u l-minacci fuq l-attrici li jimmanifestaw li l-konvenut, ghallanqas meta jkun xurban, hu bniedem ta' disposizzjoni aggressiva fejn kien jhedded, joffendi, u sahansitra jsawwat lil martu;

"Sfortunatament din is-sitwazzjoni mhix singolari ghal dan il-kaz *de quo*. Gja l-Qrati kellhom okkazzjoni jikkommentaw illi 'ix-xorb u l-konsegwenza ta' vjolenza huma fost l-iktar elementi li inevitabilment iwasslu ghal separazzjoni personali, anke ghaliex huma ferm difficli li jigu ssuperati minn min ikun halla lilu nnifsu jintrikeb minnhom' - *Genoveffa Magri -vs- Joseph Magri*, Appell, 6 ta' Ottubru 2000;

"Inoltre intqal ukoll illi 'kull xorta ta' vjolenza, fizika jew morali, hi element li jitfa' piz kbir ta' responsabilità fuq min ikun jigi provat li kien hati li kkommettieh' (*Emanuela Attard et -vs- Joseph Attard*, Appell, 6 ta' Ottubru 2000; *Doris Mizzi pro et noe -vs- Mario Mizzi*, Appell, 19 ta' Mejju 2000);

"Il-konvenut ma iddefendiex ruhu minn din l-akkuza u allura l-Qorti ma tistax ma tiehux impressjoni mill-aktar negattiva tal-komportament tieghu b'rizultat tal-maltrattament u minacci versu martu;

"Dawn jaqghu taht il-kappa ta' 'sevizi' li, kif jinghad, 'jikkonsistu f'atti abitwali ta' krudeltà li joffendu l-persuna li kontra taghha huma diretti b'mod li jiggeneraw fiha dulur, ezacerbazzjoni u avversjoni profonda kontra l-konjugi li jkun hati taghha' (Vol. XXXI P I p 200), u ghalhekk jirrendu '*insopportabile la convivenza*' (Vol. IX p 274; Vol. XII p 553);

“Skond ma jinghad mix-xiehda ta’ Sharon Bellizzi (fol. 26) missierha gieli esprima ruhu ma’ bintha minuri li n-nanna u cioè l-attrici hi ‘qahba’. Diskors bhal dan jikkostitwixxi ‘ingurja gravi’ (*Giuseppa Agius -vs- Pacifico Agius*, Appell Civili, 10 ta’ Dicembru 1951). Daqstant iehor, imbaghad, hi ingurja gravi d-diffamazzjoni li biha l-konvenut, bhal f’dan il-kaz, jaddebita lill-martu, relazzjoni ma’ ragel barrani u imbaghad jonqos li jissostanzja l-akkuza. Ara f’dan il-kuntest id-decizjoni fl-ismijiet ‘*Dr Victor Randon -vs- Josephine Randon*, Appell Civili, 19 ta’ Novembru 1976;

“Il-Qorti hi ghalhekk sodisfatta li fuq l-apprezzament oggettiv u fattwali, ir-responsabilità ghat-tifrik taz-zwieg taqa’ fuq il-konvenut, li bl-imgieba tieghu wassal biex l-attrici sahansitra tallontana ruhha definittivament mid-dar konjugali;

“Jirrizulta li l-attrici ma tahdimx u fil-fatt tghix bir-‘*relief*’. Dan skond ma gie dikjarat mix-xhud Emmanuel Cassar (fol. 27) Principal Officer fid-Dipartiment tas-Sigurtà Socjali. B’kollox ghaliha u ghaz-zewg ulied minuri kienet tircievi fis-sena 2000 Lm32.64 fil-gimgha. Dan oltre c-*Children’s Allowance* ta’ Lm12.98 fil-gimgha. Ara deposizzjoni ta’ Alex Agius (fol. 27) ukoll Principal Officer ma’ l-istess Dipartiment fuq imsemmi;

“Minn naha tieghu l-konvenut huwa dizokkupat u jircievi Lm29.14 fil-gimgha bhala ‘*relief*’;

“Issa jekk hu minnu li d-dizokkupazzjoni mhix motiv biex ir-ragel jehles mill-obbligu ta’ l-alimenti lil martu u lil uliedu specjalment fejn id-dizokkupazzjoni tkun kolpuza (Vol. XXXVIII P II p 520), daqstant iehor irid jittiehed qies tal-fatt illi z-zewg konjugi qed jghixu bl-assitenza socjali u allura f’kaz bhal dan il-principju regolatur hu li din l-assitenza tipprovdi biss il-minimu biex wiehed jghix;

“B’danakollu anke fejn jirrizulta li hekk hu l-kaz il-Qorti ma naqqsetx li f’sitwazzjoni konsimili, takkorda persentagg lil parti l-ohra mir-*relief* ricevut. Dan in omagg tal-principju li l-parti li tkun fi htija fiz-zwieg kellha tipprovdi ghal

manteniment tal-parti l-ohra (*Genoveffa Magri -vs- Joseph Magri*, gja fuq riferita);

“Fic-cirkostanzi l-Qorti ser tipprovdi li l-konvenut jghaddi lill-attrici ghaliha u ghall-ulied minuri percentagg ta’ hamsa fil-mija (5%) tar-*relief* ricevut minnu;

“Dwar l-assi tal-komunjoni jirrizulta li dawn jikkonsistu biss minn oggetti mobbli li lista taghhom giet elenkata mill-attrici skond Dok. RB1 (fol. 42). Il-Qorti hi tal-fehma illi dawn il-ftit oggetti, u li fosthom jidher ukoll li hemm dawk parafernali taghha donati lilha mill-genituri fil-mument taz-zwieg ghandhom jinghataw lill-attrici biex jitgawdew minnha u minn uliedha;

“Dan qed taghmlu in vista tal-fatt li l-konvenut ser jithalla fid-dar matrimonjali, lokata lill-koppja mill-Gvern, u fejn tirrisjedi ukoll bintha mal-familja taghha. Del resto dwar l-assenjazzjoni tad-dar matrimonjali ma tressqet l-ebda talba formali fuq daqshekk.”

Rat ir-rikors ta’ l-appell ta’ l-attrici proprio et nomine illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbet hekk:

“… illi dina l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell joghgobha tirriforma s-sentenza ta’ l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili tal-31 ta’ Jannar 2003 fl-ismijiet
*Rita Borg … vs Mario Borg*, …, u dan billi:

i. tikkonferma l-kapi relattivi ghall-ewwel zewg talbiet attrici;

ii. tirrevoka, tirriforma l-kap relattiv ghat-tielet talba billi tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici *proprio et nomine* retta alimentarja oghla minn dik stabbilita mis-sentenza appellata, okkorrendo ukoll billi tassenja lill-attrici *proprio et nomine* d-drittijiet lokatizji relattivi ghad-dar matrimonjali in sodisfazzjon parzjali ta’ tali manteniment a tenur ta’ l-artikolu 54(3) Kap. 16;

iii. tirriforma l-kap relattiv ghar-raba’ talba billi tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwista [*sic*] u konsistenti fl-oggetti

mobbli precizati fil-lista esebita mill-attrici a fol. 42 ad eskluzjoni tal-mobbli parafernali kif ukoll fid-drittijiet lokatizji tal-partijiet in relazzjoni ghad-dar matrimonjali, u teffettwa mill-gdid u il-likwidazzjoni ta' tali komunjoni billi tassenja l-assi imsemmija lill-attrici *proprio et nomine* in sodisfazzjoni ta' sehemha mill-komunjoni ta' l-akkwisti u in sodisfazzjon parzjali tal-manteniiment dovut lilha a tenur ta' l-artikolu 54(3) Kap. 16;

iv. tiddeciedi l-hames talba attrici billi tilqaghha;
Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellat";

Rat ir-risposta ta' l-appell tal-konvenut appellat illi biha, ghar-ragunijiet hemm esposti, issottometta illi l-appell ta' l-attrici huwa frivolu u vessatorju u ghandu jigi michud;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji ta' l-appellanti kontra s-sentenza appellata sejrin jigu riprodotti fil-kliem testwali tar-rikors ta' appell u huma s-segwenti:

1. "Illi l-komunjoni ta' l-akkwisti tikkomprendi anke d-drittijiet lokatizji tal-partijiet dwar id-dar matrimonjali, u ghalhekk kienet skorretta l-Ewwel Onorabbli Qorti fejn sostniet li ma saret l-ebda talba dwar tali dar, u kienet skorretta ukoll li ma nkludietx tali drittijiet fil-likwidazzjoni ta' l-assi tal-komunjoni";

2. "Illi retta alimentarja ta' Lm1.45 fil-gimgha ghal mara bl-oneru tal-kura ta' zewgt itfal minuri hija anke fic-cirkostanzi ristretti tal-partijiet wahda ridikola u li ma tirrispekkjax l-oneri rispettivi tal-partijiet";

3. "Illi dwar id-dekadenza mid-drittijiet elenkati fl-artikolu 48 Kap. 16, l-Onorabbli Prim Awla hasset li l-kapi precedenti kienu pprovdew sufficjentement, meta fil-fatt huma koperti biss l-artikoli 48(1)(b) u (c); is-subinciz (a) jirrigwarda drittijiet successorji, mentri s-subinciz (d)

jirrigwarda dritt ghall-manteniment anke futur, b'mod illi nonostante li gew ikkonfermati u ddikjarati c-cirkostanzi necessarji ghad-dekadenza taht l-artikolu 51, il-konvenut ghad ghandu d-dritt li jiret lil martu u ghad ghandu d-dritt li jfittex ghall-manteniment f'kaz ta' bdil ta' cirkostanzi";

Ikkunsidrat:

Illi qari akkurat ta' dik il-parti tas-sentenza appellata illi tittratta l-assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti juri illi, kuntrarjament ghal dak illi qed issostni l-appellanti permezz ta' l-ewwel (1) aggravju taghha, l-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni id-dar matrimonjali bil-pertinenzi kollha taghha - senjatament il-valur lokatizju taghha, la darba din id-dar mhix proprjetà tal-kontendenti izda mikrija minnhom - meta giet sabiex taghmel l-assenjazzjoni ta' l-istess assi. Infatti, fis-sentenza appellata jinghad illi l-oggetti mobbli appartenenti lill-komunjoni ta' l-akkwisti gew assenjati kollha lill-appellanti peress illi l-appellat kien sejjer "jithalla fid-dar matrimonjali". Fil-parti relattiva tas-sentenza appellata jinghad hekk:
"Dwar l-assi tal-komunjoni jirrizulta li dawn jikkonsistu biss minn oggetti mobbli li lista taghhom giet elenkata mill-attrici skond Dok. RB1 (fol. 42). Il-Qorti hi tal-fehma illi dawn il-ftit oggetti, u li fosthom jidher ukoll li hemm dawk parafernali taghha donati lilha mill-genituri fil-mument taz-zwieg ghandhom jinghataw lill-attrici biex jitgawdew minnha u minn uliedha;

<u>Dan qed taghmlu in vista tal-fatt li l-konvenut ser jithalla fid-dar matrimonjali, lokata</u> lill-koppja mill-Gvern …" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Huwa utili illi jinghad illi dina l-Qorti ma taqbilx ma' dik il-parti mill-bran appena citat tas-sentenza appellata fejn jinghad "… li fosthom [l-oggetti elenkati fid-dokument RB1] jidher ukoll li hemm dawk parafernali taghha [ta' l-attrici] donati lilha mill-genituri …". Fil-fehma ta' dina l-Qorti mill-provi prodotti jirrizulta illi l-oggetti <u>kollha</u> elenkati fl-imsemmi dokument RB1 kienu jappartjenu lill-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti. Infatti, id-dokument RB1

gie esibit mill-attrici appellanti waqt illi kienet qed tixhed quddiem l-Assitent Gudizzjarju fis-seduta tal-hamsa u ghoxrin (25) ta’ Frar, 2000 (fol. 24) u dwaru l-istess attrici qalet hekk:
“Qed nesibixxi l-lista tal-mobbli li hemm fid-dar matrimonjali u li jappartjenu ghall-komunjoni, liema dokument qed jigi mmarkat Dok. RB1” (sottolinear ta’ dina l-Qorti);

Fid-dawl ta’ dan, l-ewwel (1) aggravju ta’ l-appellanti mhux fondat u qed jigi respint;

Ikkunsidrat:

Illi t-tieni (2) aggravju ta’ l-appellanti jirrigwarda l-*quantum* tar-retta alimentarja. Dina l-Qorti, wara illi hadet in konsiderazzjoni l-provi kollha prodotti illi b’xi mod jistghu jincidu fuq dan il-*quantum*, hija tal-fehma illi ma ghandhiex tiddisturba l-konkluzjoni raggjunta fir-rigward mill-ewwel Qorti. Ma’ dak illi inghad fis-sentenza appellata dina l-Qorti zzid biss illi meta jinghadu flimkien l-assitenza socjali illi qed tircievi l-appellanti ghaliha u ghaz-zewg (2) uliedha minuri, ic-*children’s allowance* ghal dawn ta’ l-ahhar, ukoll percepita mill-attrici, u hamsa fil-mija (5%) ta’ l-assistenza socjali illi jircievi l-appellat jirrizulta illi l-attrici tkun qed tircievi cirka sebgha u erbghin lira (Lm47) fil-gimgha. Ghalkemm dan mhux xi ammont kbir, ma jistax ma jigix osservat illi huwa hafna aktar minn dak illi l-istess attrici xehdet illi kien jatiha l-konvenut qabel ma gew istitwiti l-proceduri odjerni. Infatti, meta l-attrici xehdet l-ewwel darba quddiem l-Assistent Gudizzjarju fl-erbatax (14) ta’ Frar, 2000 qalet hekk (fol. 23):
“… Il-konvenut ma kienx jaghti kashom it-tfal. It-tfal jien rabbejthom. Ir-ragel ma kienx jahdem, kien jirregistra u kien itini Lm28 fil-gimgha bhala manteniment” (sottolinear ta’ dina l-Qorti);

Ikkunsidrat:

Illi t-tielet (3) aggravju ta’ l-appellanti jirrigwarda c-cahda tal-hames (5) talba minnha maghmula fl-att ta’ citazzjoni

illi permezz taghha talbet lill-Qorti “tordna d-dekadenza tal-konvenut mill-jeddijiet konjugali kif mahsuba fl-artikoli relevanti tal-Kodici Civili”. Dwar din it-talba fis-sentenza appellata jinghad hekk:
“Gjaladarba din il-Qorti tat dan il-provvediment mhux il-kaz li tipprovdi fuq id-dekadenza tad-drittijiet mitluba mill-attrici fil-hames domanda.”

Fil-fehma ta’ dina l-Qorti hawnhekk l-ewwel Qorti kienet qed tezercita id-diskrezzjoni moghtija lilha *ai termini* ta’ l-artikolu 51 tal-Kodici Civili illi jiddisponi hekk:
“Il-firda li ssir minhabba xi wahda mir-ragunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista’ jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-qorti jidrilha li, taht ic-cirkostanzi tal-kaz, ghandhom ighoddu, f’kollox jew f’bicca, id-disposizzjonijiet ta’ dak l-artikolu.”

Sfortunatament, però, mhux car ghal dina l-Qorti ghal xiex kienet qed tirreferi l-ewwel Qorti meta fil-parti appena citata tas-sentenza appellata tghid “dan il-provvediment”. Konsegwentement, dina l-Qorti mhix f’pozizzjoni illi tasal ghal konkluzjoni dwar jekk l-ewwel Qorti uzatx korrettement id-diskrezzjoni lilha moghtija bic-citat artikolu 51 tal-Kodici Civili. Fil-fehma taghha, tenut kont tal-fatt illi ma hemmx dubju illi s-separazzjoni pronunzjata saret bi htija unika tal-konvenut ghal raguni imsemmija fl-artikolu 40 tal-Kodici Civili u tenut kont ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, huwa xieraq illi l-konvenut jiddekadi mill-jeddijiet kollha elenkati fl-artikolu 48 tal-Kodici Civili u, konsegwentement, hemm lok illi tintlaqa’ l-hames (5) talba attrici;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha kwantu pprovdiet dwar l-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3) u r-raba’ (4) talbiet attrici u kwantu ordnat illi l-ispejjez tal-kawza jigu sopportati mill-konvenut, tirrevokaha kwantu ddikjarat illi mhux il-kaz li tipprovdi fuq id-dekadenza tad-drittijiet mitluba mill-attrici fil-hames talba u minflok tilqa’ l-istess hames (5) talba attrici u konsegwentement tiddikjara li l-konvenut

iddekada mid-drittijiet u jeddijiet kollha msemmija fil-paragrafi (a), (b), (c) u (d) tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 48 tal-Kodici Civili.

Tordna illi l-ispejjez ta' din l-istanza jigu sopportati kwantu ghal nofs (1/2) mill-attrici appellanti u kwantu ghal nofs (1/2) mill-konvenut appellat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------